**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Městský soud v Praze — Ir-Repubblika Ċeka) — Česká spořitelna, a.s. vs Gerald Feichter**

**(Kawża C-419/11)** [1]

***(Regolament (KE) Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Artikolu 5(1)(a) u Artikolu 15(1) — Kunċett ta' "materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt" u ta' "kuntratt konkluż mill-konsumatur" — Promissory note — Aval — Garanzija għal kuntratt ta' kreditu)***

(2013/C 141/08)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Městský soud v Praze

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Česká spořitelna, a.s.

*Konvenut:* Gerald Feichter

**Suġġett**

Talba għal domanda preliminari — Městský soud v Praze — Interpretazzjoni tal-Artikoli 5(1)(a) u 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4 p. 42) — Kunċetti ta' "materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt" u ta' "kuntratt konkluż mill-konsumatur" — Ġurisdizzjoni sabiex tisma' kawżi dwar obbligu kambjarju tal-amministratur ta' kumpannija, li jkun awtorizza promissory note inbjank ffirmata minn din il kumpannija favur bank, bħala garanzija għall-ftehim ta' kreditu — Determinazzjoni tal-post tal-eżekuzzjoni tal-obbligu, meta l-promissory note oriġinarjament ma kien fiha l-ebda indikazzjoni tal-post tal-ħlas

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna fiżika li għandha rabtiet professjonali mill-qrib ma' kumpannija, bħall-amministrazzjoni ta' tali kumpannija jew iż-żamma ta' sehem maġġoritarju fiha, ma tistax titqies bħala konsumatur fis-sens ta' din id-dispożizzjoni meta hija tagħti aval fuq promissory note maħruġa sabiex tiggarantixxi l-obbligi ta' din il-kumpannija li jirriżultaw minn kuntratt li jirrigwarda l-għoti ta' kreditu. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma tapplikax għad-determinazzjoni ta' liema qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni ġudizzjarja li permezz tagħha l-benefiċjarju ta' promissory note, stabbilita fi Stat Membru, jinvoka d-drittijiet li jirriżultaw minn din il-promissory note, li ma kinitx kompluta fid-data tal-firma tagħha u li ġiet sussegewentement kompluta mill-benefiċjarju, kontra min ta l-aval, li huwa ddomiċiljat fi Stat Membru ieħor.*

(2) *L-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament Nru 44/2001 japplika għad-determinazzjoni ta' liema qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni ġudizzjarja li permezz tagħha l-benefiċjarju ta' promissory note, stabbilita fi Stat Membru, jinvoka d-drittijiet li jirriżultaw minn din il-promissory note, li ma kinitx kompluta fid-data tal-firma tagħha u li ġiet sussegwentement kompluta mill-benefiċjarju, kontra min ta l-aval, li huwa ddomiċiljat fi Stat Membru ieħor.*

[1] ĠU C 311, 22.10.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof — l-Awstrija) — Jutta Leth vs Republik Österreich, Land Niederösterreich**

**(Kawża C-420/11)** [1]

***(Ambjent — Direttiva 85/337/KEE — Stima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Awtorizzazzjoni ta' tali proġett fin-nuqqas ta' evalwazzjoni xierqa — Għanijiet ta' din l-evalwazzjoni — Kundizzjonijiet li hija suġġetta għalihom l-eżistenza ta' dritt għal kumpens — Inklużjoni jew le tal-protezzjoni tal-individwi kontra d-danni patrimonjali)***

(2013/C 141/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Jutta Leth

*Konvenuti:* Republik Österreich, Land Niederösterreich

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Oberster Gerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151) u bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466) — Awtorizzazzjoni ta' proġett fin-nuqqas ta' stima adegwata tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent — Rikors ippreżentat minn individwu dwar kumpens għat-telf fil-valur tal-proprjetà immobbli tiegħu kkawżat minn dan il-proġett — Skopijiet tal-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Inklużjoni jew esklużjoni tal-protezzjoni tal-individwi kontra d-danni patrimonjali

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttivi tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, u 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, kif stabbilita f'dan l-Artikolu, ma tinkludix l-istima tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali. Madankollu, id-danni patrimonjali, sa fejn ikunu konsegwenzi ekonomiċi diretti tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, huma koperti mill-għan ta' protezzjoni mfittex minn din id-direttiva.*

*Fil-prinċipju, il-fatt li ma saritx stima tal-effetti fuq l-ambjent bi ksur tar-rekwiżiti tad-Direttiva msemmija, minnu nnifsu ma jikkonferixxix fuq individwu, skont id-dritt tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għal regoli tad-dritt nazzjonali inqas restrittivi fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat, dritt għal kumpens għal dannu purament patrimonjali kkawżat mid-deprezzament tal-valur tal-beni immobbli tiegħu maħluq minn effetti fuq l-ambjent tal-proġett imsemmi. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk humiex sodisfatti l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għad-dritt għal kumpens, b'mod partikolari l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur allegat u d-danni subiti.*

[1] ĠU C 319, 29.10.2011.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākās tiesas Senāts — il-Latvja) — Valsts ieņēmumu dienests vs Ablessio SIA

**(Kawża C-527/11)** [1]

***(VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 213, 214 u 273 — Identifikazzjoni tal-persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT — Rifjut li jingħata numru ta' identifikazzjoni għall-VAT minħabba li l-persuna taxxabbli ma għandhiex mezzi materjali, tekniċi u finanzjarji sabiex teżerċita l-attività ekonomika ddikjarata — Legalità — Ġlieda kontra l-frodi fiskali — Prinċipju ta' proporzjonalità)***

(2013/C 141/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākās tiesas Senāts

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Valsts ieņēmumu dienests

*Konvenuta:* Ablessio SIA

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Augstākās tiesas Senāts — Interpretazzjoni tal-Artikolu 214 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, (ĠU L 347, p. 1), moqri flimkien mal-Artikolu 273 tal-istess direttiva — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-inklużjoni fir-reġistru tal-persuni suġġetti għall-VAT fil-każ li l-persuna taxxabbli ma tipprovdix informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni qarrieqa dwar il-kapaċitajiet materjali, tekniċi u finanzjarji tagħha li teżerċita l-attività ekonomika ddikjarata — Rifjut li kumpannija tiġi inkluża fir-reġistru ta' persuni suġġetti għall-VAT għaliex din ma hijiex kapaċi teżerċita l-attività ekonomika ddikjarata

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 213, 214 u 273 tad-Direttiva 2006/112/KE tal-Kunsill, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li l-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru tirrifjuta li tagħti numru ta' identifikazzjoni għat-taxxa fuq il-valur miżjud lil kumpannija sempliċement għax hija ma jkollhiex, skont din l-amministrazzjoni, mezzi materjali, tekniċi u finanzjarji għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika ddikjarata u d-detentur tal-ishma kapitali ta' din il-kumpannija jkun diġà kiseb, f'diversi okkażjonijiet, tali numru għal kumpanniji li qatt ma jkunu verament eżerċitaw attività ekonomika u li l-ishma kapitali tagħhom ikunu ġew assenjati lil persuni oħra ftit taż-żmien wara l-għoti ta' dan in-numru, mingħajr ma l-amministrazzjoni fiskali kkonċernata ma tkun stabbilixxiet, fid-dawl ta' fatturi oġġettivi, li hemm indizji serji li jippermettu li jiġi ssusspettat li n-numru ta' identifikazzjoni għat-taxxa fuq il-valur miżjud mogħti jkun ser jiġi użat b'mod frawdolenti. Huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tevalwa jekk l-imsemmija amministrazzjoni fiskali pprovdietx indizji serji tal-eżistenza ta' riskju ta' frodi fil-kawża prinċipali.*

[1] ĠU C 6, 7.1.2012

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Frankfurt (Oder) — il-Ġermanja) — Agrargenossenschaft Neuzelle eG vs Landrat des Landkreises Oder-Spree

**(Kawża C-545/11)** [1]

***(Politika Agrikola Komuni — Regolament (KE) Nru 73/2009 — Artikolu 7(1) u (2) — Modulazzjoni tal-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa — Tnaqqis supplimentari tal-ammonti ta' pagamenti diretti — Validità — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni)***

(2013/C 141/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Frankfurt (Oder)